**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 12 TA' FRAR, 2002

**Numru: 10**

**Avviz Nru: 1602/01AE**

**Caterina u Mario konjugi Attard u hutha Vincenza u Pauline ahwa Muscat**

**vs**

**Anthony u Carmen konjugi Muscat u Ruth Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannati li fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, jaghlqu l-ventilaturi kollha (kif jidhru indikati fil-pjanta peritali hawn annessa u mmarkata Dok. A) li fethu abbuzivament u illegalment fil-fond numru 23, Triq Wied is-Sir

Mosta ghal fuq il-fond li huwa propjeta ta' l-atturi, 22, Triq Wied is-Sir, Mosta u li fin-nuqqas li l-atturi jigu awtorizzati jaghmlu x-xoghol huma, a spejjez tal-konvenuti, u dan that id-direzzjoni u supervizjoni ta' perit nominat ghal dan l-iskop.

Ra l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti (fol. 11) li permezz taghha eccepew li t-talba hija nulla peress li t-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni jiddecidi t-talba kif proposta, liema talba ghandha ssir quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 2002 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Ikkunsidra:

1. Illi skond l-Artikolu 3(2) ta' l-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar, dan it-Tribunal ghandu ***"ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' <u>biss it-talbiet kollha ta' flus</u> ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500)"***.

2. Imbaghad l-Artikolu 3(5) ta' l-istess Att jipprovdi: *"Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar propjeta' ta' beni*

*immobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli ghad li t-talba ma tkunx tiskorri l-elf u hames mitt lira Maltija, u kawzi ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli ma jidhlux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal".*

3. Qari ta' l-avviz tat-talba ntavolat mill-atturi jindika bic-cjar li l-kaz odjern ma jitrattax dwar "*money claims*" (test Ingliz), u ghalhekk it-talba ma taqax fil-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal. L-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannati jaghlqu l-ventilaturi li nfethu ghal fuq il-propjeta taghhom. Din zgur ma tistax tigi kwalifikata bhala talba ghall-hlas ta' flus.

4. Huwa opportun li ssir riferenza ghal dak li kien qal il-Ministru li pprezenta l-Abbozz tal-Att V fil-Kamra tar-Rapprezentanti li spjega li f'dak l-Abbozz meritu tad-dibattitu: *"...fil-fatt qed jahsbu ghal gurisdizzjoni ghal dan it-tribunal ghal kawzi semplici u mhux komplikati u qed nghidu **talba ghal kreditu biss ta' Lm100**".*

5. Jissemma wkoll li fil-kors tat-trattazzjoni l-avukat difensur ta' l-atturi:

(a) Ghamel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet: **Emanuel Vella nomine vs Bernardina D'Amato** deciza fit-28 ta' Ottubru 1994. It-Tribunal huwa tal-fehma li din il-kawza ma ghandha l-ebda rilevanza ghall-kaz odjern, stante li l-meritu kien jitratta dwar hlas ta' kreditu (arretrati ta' qbiela). Tant hu hekk li f'dik il-kawza l-Qorti osservat: *"It-talba ta' l-attur nomine f'din il-kawza hi biss ghall-kundanna ghall-hlas ta' arretrati ta' qbiela allegatament dovuti mill-konvenuta. Talba li tirrikjedi biss il-prova li l-ammont hu dovut lill-attur nomine"*.

(b) Irrefera ghall-Artikolu 47 tal-Kap. 12. Ghalkemm wiehed jista' jintravedi certu analogija bejn dan l-Artikolu u l-Artikolu 3 tal-Kap. 380, ta' l-ewwel huwa iktar wiesgha in kwantu jaghti kompetenza lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li jisimghu u jiddecidu ***"l-pretensjonijiet kollha"*** li ma jeccedux il-valur ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500).

(c) Argumenta li l-mod kif giet redatta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti m'huwiex korrett, peress li eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni ma ggibx in-nullita tat-talba. It-Tribunal m'huwiex tal-fehma li dan l-argument jimmerita li jigi nvestigat, peress li minn qari ta' l-eccezzjoni wiehed jifhem x'qeghdin jikkontendu l-konvenuti. Fl-istess waqt l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni tista' tigi wkoll

sollevata *ex officio*, minghajr il-htiega li tinghata eccezzjoni formali f’dan ir-rigward.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kaz billi jikkonferma li m’ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma’ u jaqta’ l-kawza odjerna.

Bl-ispejjez (ghat-tenur ta’ l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kontra l-atturi.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**